MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Numru 124/2004

**App Nru 124/04 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Bajada**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ramond Bajada talli fil-hames snin precedenti d-data tac-citazzjoni – 21 ta’ Novembru, 2003 – b’diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, wettaq kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja f’Malta jew minn Malta u dan minghajr licenzja moghtija taht l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u dan ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap. 376 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi ghamel self ta’ flus lil Kevin Zammit minn Zebbug;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-13 ta’ Mejju, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Raymond Bajada mhux hati u lliberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu prezentat fid-9 ta’ Gunju 2004, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta’ Settembru, 2004; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigward l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lid-disposizzjoni tal-ligi li tiddefinixxi x’inhi “istituzzjoni finanzjarja” ghall-fini tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376). Il-fatti f’dan il-kaz ma humiex kontestati, ghalkemm, kif ser jigi spjegat aktar ‘l quddiem, hemm cirkostanza fattwali importanti li jidher li ebda wahda mill-partijiet ma tatha l-importanza li jisthoqqilha.

Bhala fatt l-appellat Bajada, li huwa direttur ta’ kumpannija li tbiegh karozzi kemm godda kif ukoll uzati, f’xi zmien beda jinteressa ruhhu fin-negozju tal-proprjetà. Jidher li dan in-negozju fuq proprjetà jaghmlu f’isem il-kumpannija msemmija u bi shab ma’ certu Joseph Portelli. “Madwar April”[1] tas-sena 2002 l-appellant <u>personalment</u>[2] silef is-somma ta’ Lm73,000 lil certu Kevin Zammit “bir-rata ta’ imghax madwar 8.25%”, u bhala garanzija tal-pagament lura tas-somma u l-imghax l-imsemmi Zammit “ghamel bicca art li ghandu f’Kercem, Ghawdex”. Aktard tard, “madwar Ottubru tas-sena 2002”, l-istess Zammit rega’ avvicinah ghal self iehor, din id-darba ta’ Lm9,000, u l-appellat silfu l-imsemmija somma. Skond l-istqarrija ta’ l-appellat, “xi ftit zmien wara fl-ahhar tas-sena 2002” Zammit u persuna ohra talbuh li jsellifhom is-somma ta’ “madwar Lm43,000”, u fil-fatt, ghat-tielet darba, l-appellat sellef is-somma mitluba. Jirrizulta wkoll bhala fatt li l-appellat ma kellu ebda permess mill-awtorita` kompetenti

---

[1] Il-kliem *tra virgolette* qed jittiedhu mill-istqarrija li l-appellat irrilaxxja lill-Pulizija u li tinsab ezibita a fol. 15 sa 17 tal-atti tal-kawza.

[2] Ara l-istqarrija, fol. 15:

*“M. Il-kumpanija tieghek taghmel negozju fuq self ta’ flus ukoll?*

*“T. Le fejn jidhol self ta’ flus jien qieghed wahdi personali u l-kumpanija m’ghandhiex x’taqsam.”*

biex jopera bhala istituzzjoni finanzjarja[3] (u anqas seta' jkollu galadarba huwa ma kienx "kumpannija" – Art. 3(1), Kap. 376).

L-appellant, allura imputat, issottometta quddiem l-ewwel qorti li b'dak li huwa ghamel – cioe` silef flus fi tlett okkazjonijiet – huwa ma kisirx id-disposizzjoni tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 376 u dan peress li b'dak li ghamel huwa ma wettaqx negozju ta' "istituzzjoni finanzjarja". L-ewwel qorti tatu ragun, u dan peress li rriteniet li *"…dak li ghamel l-imputat odjern ma jammontax ghal tislif ta' flus b'mod regolari u ghalhekk tali operat ma jaqax taht id-definizzjoni ta' 'istituzzjoni finanzjarja'."* L-Avukat Generali qed jikkontendi l-kuntrarju; hu jikkontendi in partikolari li *"wiehed irid jezamina, fost diversi fatturi, jekk l-element kummercjali jipprevalix fuq l-element privat."*

Din il-Qorti tibda biex tosserva li filwaqt li l-ewwel qorti mxiet fuq id-definizzjoni ta' "istituzzjoni finanzjarja" kif inhi <u>llum</u> fil-ligi, l-appellant Avukat Generali qed jibbaza ruhhu fir-rikors tieghu fuq id-definizzjoni qabel l-emenda introdotta bl-Artikolu 203 tal-Att tal-2002 li jirregola Fondi Specjali (Att XVII tal-2002), liema emenda giet fis-sehh <u>fl-1 ta' Ottubru 2002</u>[4] -- dan ifisser li bejn meta l-appellat ghamel l-ewwel self sa meta gie biex jaghmel it-tielet self id-definizzjoni ta' x'inhi "istituzzjoni finanzjarja" inbidlet. Dan il-fatt jidher li gie injorat minn kulhadd, inkluz mill-ewwel qorti.

L-Artikolu 3(1) tal-Kap. 376 jipprovdi hekk:

**"Ebda kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja ma' ghandu jsir f'Malta jew minn Malta hlief minn kumpannija li jkollha licenza moghtija taht dan l-Att mill-awtorita` kompetenti."** [5]

---

[3] Ara d-deposizzjoni ta' Carlo Farrugia, Senior Manager ma' l-M.F.S.A. tal-11 ta' Marzu, 2004, fol. 18 *et seq.*
[4] Ara Avviz Legali 277 tal-2002.
[5] *"No business of a financial institution shall be transacted in or from Malta except by a company which is in possession of a licence granted under this Act by the competent authority."*

Il-ligi tiddefinixxi “istituzzjoni finanzjarja” fl-Artikolu 2 tal-Kap. 376. Qabel l-1 ta’ Ottubru, 2002 din id-definizzjoni kienet taqra hekk:

**“ ‘istituzzjoni finanzjarja’ tfisser kull persuna li x-xoghol regolari jew kummerc regolari taghha huwa li twettaq: (a) xi wahda mill-attivitajiet elenkati fl-Iskeda li tinsab ma’ dan l-Att, (b) kull attivita` ohra hekk stabbilita mill-Ministru b’ordni publikat fil-Gazzetta li jemenda l-Iskeda li tinsab ma’ dan l-Att, akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dak il-kummerc…”**[6] (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Mill-1 ta’ Ottubru, 2002 id-definizzjoni giet taqra hekk:

**“ ‘istituzzjoni finanzjarja’ tfsser kull persuna li b’mod regolari jew abitwali tikseb *holdings* jew twettaq xi attivita` mnizzla fl-Iskeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita`…”**[7] (sottolinear ta’ din il-Qorti).

L-ewwel attivita` li hemm imnizzla fl-Iskeda – u din l-Iskeda ma inbidlitx minn mindu giet fis-sehh il-ligi fl-1994 – hija dik ta’ “self”, evidentement self ta’ flus.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, bejn l-ewwel u t-tieni definizzjoni ta’ “istituzzjoni finanzjarja” kien hemm biss spostament ta’ enfazi: filwaqt li fid-definizzjoni ta’ qabel l-1 ta’ Ottubru, 2002 l-enfazi kienet fuq il-fatt li l-attivita` ta’ self ta’ flus kienet tkun ix-xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, regolari ta’ dak li jkun (mhux neccessarjament, pero`, ix-xoghol jew kummerc principali), fit-tieni definizzjoni l-enfazi giet spustata ghall-“frekwenza” -- regolarita` jew abitwalita` -- li biha dak li jkun isellef flus, irrispettivament minn jekk dan isirx bhala

---

[6] *“ ‘financial institution’ means any person whose regular occupation or business is the carrying out of (a) any activity listed in the Schedule to this Act, (b) any other activity defined by the Minister as such by an order published in the Gazette amending the Schedule to this Act, for the account and at the risk of that person carrying out such business…”*

[7] *“ ‘financial institution’ means any person who regularly or habitually acquires holdings or undertakes the carrying out of any activity listed in the Schedule for the account and at the risk of the person carrying out that activity…”*

xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, ta’ dak li jkun. Dak li certament il-legislatur ma riedx li jolqot, sia taht l-ewwel kif ukoll taht it-tieni definizzjoni, huwa lil min jislef il-flus lil haddiehor ghax darba kultant tigih l-okkazjoni li jaghmel hekk; il-legislatur ried, ghal kuntrarju, jolqot lil min jaghmel tali self b’dak il-mod u b’dik il-frekwenza li meta tarah tghid, bejnek u bejn ruhek, “dan sar qisu bank!” Fl-ahhar mill-ahhar, ghalhekk, u fin-nuqqas ta’ definizzjoni aktar preciza da parti tal-legislatur, hu rimess ghall-buon sens tal-gudikant biex jara jekk dak li jkun wettaq l-imputat jammontax ghal kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel qorti fis-sens li dak li ghamel l-appellat fi tlett okkazjonijiet fis-sena 2002 ma kienx jinkwadra bhala kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja. Jigi precizat fl-ahharnett li fir-rikors ta’ appell tieghu l-Avukat Generali b’ebda mod ma rrefera ghal, jew b’xi mod invoka, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 376.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta’ l-Avukat Generali u konsegwentement tikkonferma s-sentenza liberatorja tat-13 ta’ Mejju, 2004.

(ft.) V. DeGaetano
Prim’Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------